CCT/162/24/S

Nadienne Agius

Vs

Fair Deal Furniture Ltd

Illum 22 ta'Settembru,2026.

It-Tribunal,

Ra t-talba pprezentata minn Nadienne Agius fit-30 ta' Lulju, 2024 kif ukoll ir-risposta tas-soċjeta' Fair Deal Furniture Ltd ipprezentata fit-23 ta' Awwissu 2024.

Sema' x-xhieda, ra d-dokumenti preżentati kif ukoll sema' t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2025.

Ikkunsidra,

Illi din hija talba ta' rifużjoni tas-somma ta' elf ewro (€1,000) rappreżentanti depożitu li tħallas mir-rikorrenti lis-soċjeta' intimata meta ordnat tip ta' sufan u cioe' *corner sofa* li kellu jasal għand ir-rikorrenti sal-aħħar ta' Awwissu 2024.

Illi skont il-verżjoni tar-rikorrenti dan is-sufan ordnat baqa' ma wasalx fid-data miftemha u lanqas fix-xhur ta' wara. Min-naħa tagħha is-soċjeta' intimata ikkondentiet li dak li jissuplixxiha bis-sufanijiet in kwistjoni kellu xi problema u allura l-konsenja kellha tieħu iktar żmien u kienet se tasal Malta bejn April u Mejju.

Illi ma hemmx dubju u mhux kontestat illi skont il-*purchase order*, id-depożitu ta' elf ewro (€1,000) kien depożitu mhux rifondibbli.

Illi anki meta xehed id-direttur tas-soċjeta' intimata Arnold Vella fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2025, huwa ddefenda ruħu billi

semma li kien hemm diversi problemi dwar trasport minħabba is-sitwazzjoni fil-Baħar l-Aħmar u kien għalhekk li kien hemm id-dewmien fil-kunsinna tas-sufan.

Illi min-naħa l-oħra r-rikorrenti insistiet li hija riedet is-sufan partikolari għal data partikolari li kien qabel it-tieġ ta' bintha. Dan ma kienx kontestat fl-ebda ħin mis-soċjeta' intimata.

Illi jingħad illi il-*purchase order* hija rabta fejn ġie miftiehem il-prezz inkluż il-kundizzjonijiet. Għalkemm fil-*purchase order* ma hemmx id-data tal-kunsinna, il-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti ma ġietx kontestata mis-soċjeta' intimata fl-ebda mod la fir-risposta u lanqas fil-provi waqt il-kawża.

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li r-rikorrenti ma ħassritx in-negozju mingħajr ebda raġuni anzi emfasizzat ir-raġuni għalfejn kienet ordnat tali sufan bil-kundizzjoni li dan jasal qabel data partikolari.

Illi l-ordni saret f'Novembru tas-sena 2023 filwaqt li l-okkażżjoni tat-tieġ tat-tifla tar-rikorrenti kien f'Ġunju 2024 u għalhekk kien hemm żmien biżżejjed biex is-soċjeta' intimata tikkunsinna dak li obligat tagħmel skont il-ftehim bejn il-partijiet.

Illi għalhekk dan it-Tribunal iħoss li r-rikorrenti kellha raġuni serja għalfejn tħassar in-negozju li sar bejn il-partijiet minħabba id-dewmiet esaġerat għall-kunsinna tas-sufan u għal raġuni primarja li hija rieditu u cioe' qabel it-tieġ ta' bintha.

Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza għall-Artiklu 44 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur li jistabbillixxi al termini li mhux ġusti li jippreġudikaw il-konsumatur u cioe' al subinċiżi E, K u L li jgħidu li ma jkunx ġust jew legali li f'kuntratti il-konsumatur jintrabat b'termini li jkunu mhux ġusti. Dawn it-termini u kundizzjonijiet ikunu meqjusa li qatt ma saru.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' it-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-soċjeta' intimata biex tħallasha lura is-somma ta' elf ewro (€1,000) u dan fi żmien ġimgħa mill-llum. F'każ li ma tagħmilx hekk, jibdew jiddekorru l-interessi mid-data ta' din is-sentenza. Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru